MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 215/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT kontra Emanuel Grixti talli fit-3 ta' Lulju 2005 u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kelu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sebgha u hamsin (57) kartuna b'200 sigarett tal-marka L & M. L-importazzjoni ta' l-oggetti msemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' Lm285, dazju tas-sisa Lm505.02, dazju Lm164.16 u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) Lm171.75,2, liema dazju tas-sisa, dazju u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(b)(c)(k),

62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet tad-Dwana; artikoli 16(i)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI dwar Dazju tas-Sisa; artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Gunju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet tad-Dwana; artikoli 16(i)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI dwar Dazju tas-Sisa; artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) ir-regolament 3(1)(2)(3)(4)(5) ta' l-Avviz Legali 463 tas-sena 2004, liema regolament inzamm fis-sehh bl-Avviz Legali 149 tas-sena 2007, u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, sabet lill-imsemmi Emanuel Grixti hati talli fit-3 ta' Lulju 2005 xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sebgha u hamsin (57) kartuna b'200 sigarett tal-marka L & M li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita u/jew ristretta, u kkundannatu ghal prigunerija ghal zmien sitt xhur b'dan illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata. Ikkundannatu wkoll ghal multa ta' €3,287 u ordnat il-konfiska tas-sigaretti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Grixti pprezentat fit-22 ta' Gunju 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fih peress illi l-post fejn kien qieghed bis-sigaretti fil-pussess tieghu huwa post li fih hu permess li jkollok oggetti li fuqhom ikun ghadu ma thallasx id-dazju,

jew is-sisa jew il-VAT. It-taxxa relattiva tithallas meta l-oggett partikolari jkun ser jinhareg ‘il barra mir-rixtellu tad-Dwana. L-appellant ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex jersaq lejn jew johrog ‘il barra mir-rixtellu, u biex johrog kien ghad fadallu erba’ sieghat, cioe` sakemm ilesti x-*shift* tieghu. Skond l-appellant, il-konkluzjoni tal-Qorti hi wahda perikoluza ghax tfisser li ma jista’ jkollok ebda *container* il-Freeport li dwar il-kontenut tieghu ma tkunx ghadha thallset dazju. Tfisser ukoll li kull min jigi minn Sqallija bil-*catamaran* jew jinzel minn ajruplan fl-ajruport u jgib mieghu sigaretti u xorb li dwarhom tkun ghad trid tithallas it-taxxa, mill-mument li jirfes l-art Maltija jigi li qed jikkommetti reat kontra l-ligijiet fiskali lokali, minkejja li jkun ghadu ma wasalx fejn u qabez id-Dwana. L-appellant jghid li hu car li l-ewwel Qorti hasset li hu kellu l-intenzjoni li aktar ‘il quddiem johrog dawn is-sigaretti minghajr ma jhallas it-taxxa dwarhom. Jista’ jkun, isostni l-appellant, li l-mod li bih kien qed jagixxi kkonvinca lill-Qorti li kellu dan il-hsieb; izda dan il-hsieb wahdu, minghajr l-att materjali, ma kienx bizzejjed. Kieku kien hemm xi tentattiv da parti tieghu li jaqbez id-Dwana minghajr ma jhallas dwana, il-Qorti kienet tkun korretta li ssib il-htija.  Izda minn dan kollu ma hemm xejn f’dan il-kaz. Sal-mument li gie avvicinat mill-ufficjali tad-dwana, l-appellant ma kien ghadu kiser ebda ligi. Izda l-ewwel Qorti kkonkludiet li, minkejja dan kollu, xorta kellha tinstab il-htija, billi s-sigaretti in kwistjoni gew imwarrba mil-lok ta’ kustodja u nstabu fil-pussess ta’ l-appellant minghajr awtorizzazzjoni, dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(f) tal-Kap. 37. L-appellant jghid li hu perpless minn liema prova l-ewwel Qorti waslet biex tapplika dan l-artikolu fil-konfront tieghu u turi li dik il-Qorti ma setghet issib l-ebda ksur ta’ xi artikolu tal-ligi fl-imsemmija Ordinanza.

Ic-cirkostanzi tal-kaz jemergu mix-xiehda ta’ Raymond Cardona li jahdem bhala *security officer* il-Freeport u d-*deputy senior security officer* Emanuel Schembri.

**Raymond Cardona** xehed illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Lulju 2005 kien xoghol bejn it-8.30 p.m. u l-5.00 a.m. Ghall-habta ta’ l-4.00 a.m. spicca *shift* ta’ xi haddiema u mar biex jiftah il-*gate* tal-*parking* sabiex il-haddiema jkunu

jistghu johorgu. Waqt li qed jaghmel dan, innota trakk wara l-bini tas-*security* u xi hadd johrog xi boroz suwed mit-trakk u jpoggihom fl-art. Huwa gharaf lill-appellant li qabad dawn il-boroz u pprova jahbihom wara l-*containers*. Cempel lis-superjur tieghu Emanuel Schembri biex jigi fuq il-post. Meta dan gie, innotaw lill-appellant ghadu jhuf fl-inhawi. Iddecidew li jmorru fuqu u dak il-hin kien qieghed jipprova jghatti l-boroz b'kartuna. Sabu sitt *garbage bags* li go fihom kien hemm 57 kartuna sigaretti L & M. Saqsewh minn fejn kien gab dawk is-sigaretti u dan wegibhom li kien sabhom hdejn *skip*. Ix-xhud qal li l-boroz ma fetahhomx izda hass il-boroz u nduna mill-ewwel li kienu kartuniet tas-sigaretti. Il-boroz hadhom Emanuel Schembri fil-kamra fejn izommu l-affarijiet u kien hu li qallu li kien hemm 57 kartuna. In kontroezami qal li t-trakk li ra kien misjuq mill-appellant u qatt ma hareg mir-recint tal-Freeport. Wasal sa hdejn ir-recint tad-Dwana pero` ma qabizhiex. Biex trakk johrog mill-Freeport irid ikollu *pass* specjali u dan it-trakk dakinhar ma kellux. Il-kamra tad-Dwana qieghda qabel il-*gate* tal-Freeport. L-appellant nizzel l-affarijiet, huma avvicinawh, imbaghad saq it-trakk u telaq. In riezami qal li l-boroz kienu f'posizzjoni fejn ma jarahom hadd, kienu mohbijin.

**Emanuel Schembri** xehed illi fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Lulju 2005 kien *duty* ma' genb il-*gate* l-gdida filwaqt li Raymond Cardona kien qieghed fil-*gate* l-antika. Ghall-habta ta' l-4.00 a.m. ikkomunika mieghu Raymond Cardona bir-*radio* u qallu biex jassistieh peress illi kien hemm xi hadd qieghed jagixxi b'mod suspettuz. Mar ma' genbu u mill-posizzjoni li kienu seta' jara lill-appellant li kien qieghed jaghmel xi haga fl-art u kellu xi boroz f'idejh. Marru fuqu, raw illi kien hemm sitt boroz, saqsewh minn fejn gabhom u wegibhom li kien sabhom hdejn *skip*, izda ma qalx hdejn liema *skip*. Ghabba l-boroz fil-karozza u mar bihom fl-ufficcju taghhom hdejn il-*gate* l-gdida. Wasal biex jinbidel ix-*shift* u ta *handover* lis-*security* ta' warajh, Pawlu Darmanin. Fetah il-boroz fil-prezenza ta' Pawlu Darmanin u sab 57 kartuna sigaretti L & M. Is-sigaretti kienu qeghdin fir-recint tal-Freeport. Kif taqbez il-*gate* hemm id-Dwana.

Mhuwiex kontestat illi s-sigaretti in kwistjoni ma kellhomx dazju, dazju tas-sisa u VAT imhallsin fuqhom. Mhuwiex kontestat lanqas illi dawn kienu fil-pussess ta' l-appellant. Dak li qieghed isostni l-appellant hu li ghax ma kienx ghadu hareg jew pprova johrog mir-recint tal-Freeport allura ma kienx ikkommetta reat. Din il-Qorti ma taqbilx. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Cosaitis** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Novembru 1998:

**"Kif gie mfisser minn din il-Qorti fis-sentenzi taghha tat-12 ta' Settembru 1996 u 15 ta' Novembru 1996 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Raymond Buhagiar* u *Il-Pulizija vs Carmel Sultana* rispettivament, jekk persuna, kif appena ssir taf li oggetti li jinsabu fil-pussess taghha ma jkunx thallas dazju fuqhom, jew immedjatament qabel ma tigi fil-pussess ta' dawk l-oggetti, spontanjament tiehu l-passi kollha ragonevoli u necessarji sabiex tinforma lill-awtoritajiet doganali b'dawk l-oggetti u dan sabiex il-hlas tad-dazju jkun jista' jigi zgurat jew l-oggett jigi kkonfiskat mill-istess awtoritajiet, dik il-persuna ma tinkorrix fir-reati kkontemplati fil-paragrafi (f) u (g) ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37."**

L-ezempji moghtija mill-appellant ma jreggux. Min ikun wasal Malta bl-ajru jew bil-bahar ikollu l-opportunita` jipprezenta ruhu d-Dwana jekk ghandu xi oggetti dazjabbli. Il-kontenut ta' *containers* ghas-suq lokali normalment ikollu d-dazju mhallas jew ikkawtelat diga`. L-appellant gie fil-pussess ta' numru sostanzjali ta' kartuniet ta' sigaretti u, minflok ma nforma lill-awtoritajiet doganali, mar jahbihom. Il-paragrafi (f) u (g) huma t-tnejn rilevanti ghall-kaz in ezami. Dwar il-paragrafu (f), din il-Qorti trid tosserva illi biex jissussisti r-reat taht dak il-paragrafu mhuwiex necessarju illi jigi ppruvat illi f'kull kaz l-oggetti jkunu twarrbu minn mahzen ta' depost tal-gvern, ecc. Dan il-paragrafu fil-fatt jipprovdi ghal diversi alternattivi, fosthom li jikkommetti reat min xjentement jilqa' ghandu (1) oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita, jew (2) oggetti li l-importazzjoni taghhom hija limitata, jew (3) oggetti li ma hallsux dazju, jew (4) oggetti li jkunu gew

imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depost tal-gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati. Jigifieri il-kliem "minn mahzen ta' depost tal-gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati" jikkwalifikaw biss il-kliem "oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju". Qari tat-test Ingliz isahhah din l-interpretazzjoni: *"knowingly harbours, keeps or conceals, or knowingly permits or suffers, or causes or procures to be harboured, kept or concealed, any prohibited, restricted, or uncustomed goods, or any goods which have been illegally removed without payment of duty from any government or other warehouse or place of security in which they have been deposited"*.

Meta marru fuq l-appellant is-*security officers* huwa qallhom li kien sab is-sigaretti hdejn *skip*. Apparti li din il-verzjoni hija ghal kollox inverosimili, anke kieku kienet vera, l-obbligu tieghu kien li jikkonsenjahom lill-awtoritajiet tal-Freeport jew lid-Dwana u mhux imur jahbihom bejn il-*containers*. Jigifieri f'dak il-mument l-appellant kien qieghed fil-pussess kontra l-ligi ta' sigaretti li fuqhom ma kinux thallsu dazju, dazju tas-sisa u VAT, irrispettivament minn jekk kienx harighom mir-recint tal-Freeport jew le.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.  Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------